



Brussell, it-8 ta' Mejju 2020
REV1 – jissostitwixxi l-avviż bid-
data tas-7 ta' Ottubru 2019

AVVIŻ LILL-PARTIJET IKKONĊERNATI

IL-ĦRUĠ TAR-RENJU UNIT U R-REGOLI TAL-UE DWAR IT-TABAKK U L-PRODOTTI RELATATI

Sa mill-1 ta' Frar 2020, ir-Renju Unit ħareġ mill-Unjoni Ewropea u sar “pajjiż terz”¹. Il-Ftehim dwar il-Hruġ² jipprevedi perjodu ta' tranżizzjoni li jintemm fil-31 ta' Diċembru 2020³. Sa din id-data, il-liġi tal-UE tapplika kollha kemm hi għar-Renju Unit u fir-Renju Unit⁴.

Matul il-perjodu ta' tranżizzjoni, l-UE u r-Renju Unit se jinnegozjaw ftehim dwar sħubija ġdida, li jipprevedi b'mod partikolari żona ta' kummerċ ħieles. Madankollu, m'hemmx ċertezza dwar jekk jintlaħaqx ftehim bħal dan u jekk jidħolx fis-seħħ fi tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni. Fi kwalunkwe każ, tali ftehim joħloq relazzjoni li f'termini ta' kundizzjonijiet ta' aċċess għas-suq se tkun differenti ħafna mill-parteciġazzjoni tar-Renju Unit fis-suq intern⁵, fl-Unjoni Doganali tal-UE, u fil-qasam tal-VAT u s-sisa.

Għaldaqstant, il-partijiet interessati kollha, u speċjalment l-operaturi ekonomiċi, huma mfakkra dwar is-sitwazzjoni legali applikabbli wara t-tmiem tal-perjodu ta' tranżizzjoni (il-Parti A hawn taħt). Dan l-avviż jispjega wkoll ċerti dispożizzjonijiet rilevanti dwar is-separazzjoni fil-Ftehim dwar il-Ħruġ (il-Parti B hawn taħt) kif ukoll ir-regoli applikabbli għall-Irlanda ta' Fuq wara t-tmiem tal-perjodu ta' tranżizzjoni (il-Parti C hawn taħt).

Avviż lill-partijiet ikkonċernati:

¹ Pajjiż terz huwa pajjiż mhux membru tal-UE.

² Il-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, ĠU L 29, 31.1.2020, p. 7 (“Il-Ftehim dwar il-Ħruġ”).

³ Il-perjodu ta' tranżizzjoni jista', qabel l-1 ta' Lulju 2020, jiġi estiż darba b'sena jew sentejn (l-Artikolu 132(1) tal-Ftehim dwar il-Ħruġ). Il-Gvern tar-Renju Unit s'issa esklude tali estensjoni.

⁴ Soġġett għal ċerti eċċezzjonijiet previsti fl-Artikolu 127 tal-Ftehim dwar il-Ħruġ, li l-ebda waħda minnhom ma hija rilevanti fil-kuntest ta' dan l-avviż.

⁵ B'mod partikolari, ftehim ta' kummerċ ħieles ma jipprovdix għal kunċetti tas-suq intern (fil-qasam tal-prodotti u s-servizzi) bħar-rikonnoxximent reċiproku, il-“prinċipju tal-pajjiż ta' oriġini”, u l-armonizzazzjoni. Lanqas ma hemm ftehim ta' kummerċ ħieles li jneħħi l-formalitajiet u l-kontrolli doganali, inklużi dawk li jikkonċernaw l-oriġini tal-merkanzija u l-input tagħhom, kif ukoll projbizzjonijiet u restrizzjonijiet fuq l-importazzjonijiet u l-esportazzjonijiet.

Biex jiġu indirizzati l-konsegwenzi stabbiliti f'dan l-avviż, il-partijiet ikkonċernati huma b'mod partikolari rakkomandati li jitħejjew għal rekwiżiti speċifiċi ta' konsenji bejn l-UE u r-Renju Unit wara tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni.

Jekk jogħġbok innota li:

Dan l-avviż ma jindirizzax:

- ir-regoli tal-UE dwar it-tassazzjoni indiretta (is-sisa u l-VAT);
- ir-regoli tal-UE dwar it-trademarks u l-infurzar tagħhom; kif ukoll
- ir-regoli tal-UE dwar ir-reklamar u l-isponsorizzar ta' prodotti tat-tabakk kif ukoll dwar il-komunikazzjoni kummerċjali awdjoviżiva.

Għal dawn l-aspetti, qegħdin jitħejjew avviżi oħrajn jew diġà ġew ippubblikati⁶.

A. IS-SITWAZZJONI ĠURIDIKA META JINTEMM IL-PERJODU TA' TRANŻIZZJONI

Wara tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni, id-Direttiva 2014/40/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' April 2014 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi tal-Istati Membri rigward il-manifattura, il-preżentazzjoni u l-bejgħ tat-tabakk u prodotti relatati⁷, ⁸ ma tibqax tapplika għar-Renju Unit⁹. Dan iwassal, b'mod partikolari, għall-konsegwenzi li ġejjin:

1. L-GĦOTI TA' INFORMAZZJONI DWAR PRODOTTI TAT-TABAKK U L-PREŻENTAZZJONI TA' NOTIFIKA DWAR IS-SIGARETTI ELETTRONIĊI FIL-PUNT TAD-DĦUL KOMUNI TAL-UE (EU-CEG)

L-Artikolu 5 tad-Direttiva 2014/40/UE jesiġi li l-manifatturi u l-importaturi tal-prodotti tat-tabakk jagħtu informazzjoni lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri dwar il-prodotti kollha tat-tabakk li jitqiegħdu fis-suq tal-UE (l-ingredjenti, l-emissjonijiet, il-preżentazzjoni tal-prodott).

Barra minn hekk, l-Artikolu 20(2) tad-Direttiva 2014/40/UE jesiġi li, il-manifatturi u l-importaturi ta' sigaretti elettroniċi u ta' kontenituri li jerġgħu jintużaw, jippreżentaw notifika lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri b'kull tali prodott li huma biġsibhom iqiegħdu fis-suq tal-UE.

⁶ https://ec.europa.eu/info/european-union-and-united-kingdom-forging-new-partnership/future-partnership/preparing-end-transition-period_mt

⁷ ĠU L 127, 29.4.2014, p. 1.

⁸ It-terminu "prodott tat-tabakk" meta moqri f'dan l-avviż jenħtieġ li jinkludi l-"prodotti relatati", fejn applikabbli.

⁹ Rigward l-applikabbiltà tad-Direttiva 2014/40/UE għall-Irlanda ta' Fuq, ara l-Parti C ta' dan l-avviż.

Is-sottomissjoni elettronika tal-informazzjoni meħtieġa dwar il-prodotti tat-tabakk u s-sigaretti elettroniċi sseħħ permezz tal-Punt tad-Dħul Komuni tal-UE (EU-CEG)¹⁰.

Wara tmien il-perjodu ta' tranżizzjoni, ir-rekwiżiti ta' notifika stabbiliti fid-Direttiva 2014/40/UE ma jibqgħux japplikaw għall-prodotti li għandhom jitqiegħdu fis-suq tar-Renju Unit. L-EU-CEG ma jistax jibqa' jintuża għas-sottomissjoni ta' informazzjoni lejn ir-Renju Unit. Wara tmien il-perjodu ta' tranżizzjoni, il-manifatturi u l-importaturi tal-UE se jkollhom jiżguraw, meta jissottomettu verżjoni aġġornata ta' notifika preċedenti, li s-suq tar-Renju Unit ma huwiex elenkat f'dawn is-sottomissjonijiet.

2. TWISSIJET TAS-SAĦĦA KKOMBINATI FUQ PRODOTTI TAT-TABAKK (IR-RITRATTI BIL-KULUR)

L-Artikolu 10 tad-Direttiva 2014/40/UE jistabbilixxi rekwiżit għall-pakketti individwali kif ukoll għall-ippakkjar estern tal-prodotti tat-tabakk, biex ikollhom twissijiet tas-saħħa kkombinati. It-twissijiet tas-saħħa kkombinati jikkonsistu fi twissijiet b'test predefiniti u ritratti bil-kulur korrispondenti¹¹.

Dawn ir-ritratti tal-kulur huma proprjetà tal-UE. Għalhekk, il-prodotti tat-tabakk li jitqiegħdu fis-suq tar-Renju Unit wara li jintemm il-perjodu ta' tranżizzjoni, ma jistax jibqa' jkollhom ir-ritratti bil-kulur stabbiliti skont id-Direttiva 2014/40/UE.

3. IDENTIFIKATURI UNIĊI

L-Artikolu 15 tad-Direttiva 2014/40/UE jesiġi li l-pakketti kollha individwali tal-prodotti tat-tabakk ikunu mmarkati b'identifikatur uniku¹².

- Wara li jintemm il-perjodu ta' tranżizzjoni, il-prodotti tat-tabakk impurtati fis-suq tal-UE mir-Renju Unit iridu jikkonformaw mar-regoli tal-importazzjoni fl-UE. Għaldaqstant, dawn il-prodotti tat-tabakk iridu jiġu mmarkati b'identifikatur uniku maħruġ mill-emittent tal-identifikazzjoni tal-Istat Membru tal-UE li l-prodott ikun fis-suq tiegħu¹³.
- Wara li jintemm il-perjodu ta' tranżizzjoni, il-prodotti tat-tabakk esportati mill-UE għar-Renju Unit iridu jikkonformaw mar-regoli tal-esportazzjoni mill-UE. Għaldaqstant, dawn il-prodotti jridu jkunu mmarkati b'identifikatur

¹⁰ https://ec.europa.eu/health/euceg/introduction_mt.

¹¹ Ara d-Direttiva ta' Delega tal-Kummissjoni 2014/109/UE tal-10 ta' Ottubru 2014 li temenda l-Anness II tad-Direttiva 2014/40/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill billi tistabbilixxi libererija ta' twissijiet bl-istampi li għandhom jintużaw fuq prodotti tat-tabakk, ĠU L 360, 17.12.2014, p. 22.

¹² Ara r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/574 tal-15 ta' Diċembru 2017 dwar l-istandards tekniċi għat-twaqqif u għat-tħaddim ta' sistema ta' traċċabbiltà għall-prodotti tat-tabakk, ĠU L 96, 16.4.2018, p. 7.

¹³ L-Artikolu 4(2) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/574.

uniku maħruġ mill-emittent tal-identifikazzjoni tal-Istat Membru tal-UE li l-prodott ġie mmanifatturat fih¹⁴.

4. IT-TRAŻMISSJONI TA' INFORMAZZJONI DWAR IL-MOVIMENTI TAL-PRODOTTI

L-Artikolu 15 tad-Direttiva 2014/40/UE u r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/574 jesiġi li jiġu rreġistrati l-movimenti ta' pakketti individwali ta' prodotti tat-tabakk¹⁵.

Wara tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni, il-movimenti tal-prodotti mill-UE lejn ir-Renju Unit u viċeversa, jkunu rispettivament esportazzjonijiet u importazzjonijiet, u għandhom jiġu rreġistrati kif dovut.

5. REPOŻITORJI PRIMARJI U SEKONDARJI

L-Artikolu 15 tad-Direttiva 2014/40/UE u l-Artikoli 24, 26 u 27 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/574 jesiġu l-istabbiliment ta' infrastruttura għall-ħżin tad-*data* (ir-repożitorji primarji għal kull manifattur u importatur; ir-repożitorji sekondarji li jkun fih kopja tad-*data* kollha maħżuna fir-repożitorji primarji) li tippermetti t-traċċar u r-rintraċċar tal-prodotti tat-tabakk.

Wara tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni,

- il-partijiet kollha tar-Renju Unit, jiġifieri l-awtoritajiet nazzjonali tar-Renju Unit, l-emittent tal-identifikazzjoni tar-Renju Unit, u l-operaturi ekonomiċi tar-Renju Unit ma jistgħux jibqgħu mqabbdin mar-repożitorji primarji;
- il-partijiet kollha tar-Renju Unit, jiġifieri l-awtoritajiet nazzjonali tar-Renju Unit, l-emittent tal-identifikazzjoni tar-Renju Unit, ir-repożitorji primarji kkuntrattati lill-manifatturi u l-importaturi li kienu stabbiliti esklussivament fit-territorju tar-Renju Unit, u l-operaturi ekonomiċi tar-Renju Unit, ma jistgħux jibqgħu mqabbdin mar-repożitorji primarji.

Id-*data* marbuta mar-Renju Unit trid tibqa' fis-sistema tar-repożitorji u trid tinħażen f'konformità mal-politika applikabbli taż-żamma¹⁶.

B. ID-DISPOŻIZZJONIJIET RILEVANTI DWAR IS-SEPARAZZJONI FIL-FTEHM DWAR IL-ĦRUĠ

L-Artikolu 41(1) tal-Ftehim dwar il-Ħruġ jipprevedi li oġġett eżistenti u identifikabbli individwalment imqiegħed skont il-liġi fis-suq fl-UE jew fir-Renju Unit qabel tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni jista' jsir disponibbli fis-suq tal-UE jew tar-Renju Unit u jiċċirkola bejn dawn iż-żewġ swieq sakemm jasal għand l-utent aħħari tiegħu.

¹⁴ L-Artikolu 4(4) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/574.

¹⁵ Ara l-Kapitolu VI tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/574.

¹⁶ L-Artikoli 25(1)(e) u 27(10) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/574.

L-operatur ekonomiku li jinvoka dik id-dispożizzjoni għandu l-oneru tal-prova li juri fuq il-bażi ta' kwalunkwe dokument rilevanti li l-oġġett kien tqiegħed fis-suq fl-UE jew fir-Renju Unit qabel tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni¹⁷.

Għall-finijiet ta' dik id-dispożizzjoni, "tqiegħid fis-suq" tfisser l-ewwel forniment ta' oġġett għad-distribuzzjoni, għall-konsum jew għall-użu fis-suq waqt attività kummerċjali, kemm jekk bi ħlas kif ukoll mingħajr hlas¹⁸. "Provvista ta' oġġett għad-distribuzzjoni, għall-konsum jew għall-użu" tfisser li oġġett eżistenti u individwalment identifikabbli, wara li jkun seħħ l-istadju tal-manifattura, ikun is-suġġett ta' ftehim bil-miktub jew verbali bejn żewġ, jew aktar, persuni ġuridiċi jew fiżiċi għat-trasferiment ta' sjieda, ta' kwalunkwe dritt ieħor ta' proprjetà, jew ta' pussess li jikkonċernaw l-oġġett inkwistjoni, jew ikun is-suġġett ta' offerta lil persuna jew persuni ġuridiċi jew fiżiċi għall-konklużjoni ta' tali ftehim"¹⁹.

Eżempju: Prodott tat-tabakk mibjugħ mill-manifattur ibbażat fir-Renju Unit lil bejjiegħ bl-ingrossa bbażat fir-Renju Unit qabel tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni xorta jista' jitqassam fi Stat Membru tal-UE li jkun jeħtieġ il-kodiċi ta' identifikazzjoni tal-Istat Membru li se jikkunsmah mingħajr ma jkun meħtieġ li l-identifikatur uniku jiġi sostitwit bl-identifikatur uniku li huwa meħtieġ għall-prodotti importati²⁰.

C. REGOLI APPLIKABBLI FL-IRLANDA TA' FUQ WARA TMIEM IL-PERJODU TA' TRANŻIZZJONI

Wara tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni, japplika l-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq²¹. Il-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq huwa soġġett għal kunsens perjodik tal-Assemblea Leġiżlattiva tal-Irlanda ta' Fuq, fejn il-perjodu inizjali ta' applikazzjoni jestendi sa erba' snin wara tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni²².

Permezz tal-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq, ċerti dispożizzjonijiet tal-liġi tal-UE huma applikabbli wkoll għar-Renju Unit u fir-Renju Unit fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq. Fil-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq, l-UE u r-Renju Unit qablu wkoll li sa fejn ir-regoli tal-UE japplikaw għar-Renju Unit u fih fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq, l-Irlanda ta' Fuq hija ttrattata daqslikiem kienet Stat Membru²³.

¹⁷ L-Artikolu 42 tal-Ftehim dwar il-Ħruġ.

¹⁸ L-Artikolu 40(a) u (b) tal-Ftehim dwar il-Ħruġ.

¹⁹ Artikolu 40(c) tal-Ftehim dwar il-Ħruġ.

²⁰ Mingħajr ma jiġu preġudikati r-rekwiżiti għall-marki ta' identifikazzjoni nazzjonali għal finijiet fiskali fuq l-imballaġġ.

²¹ L-Artikolu 185 tal-Ftehim dwar il-Ħruġ.

²² L-Artikolu 18 tal-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq.

²³ Artikolu 7(1) tal-Ftehim dwar il-Ħruġ flimkien mal-Artikolu 13(1) tal-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq.

Il-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq jipprevedi li d-Direttiva 2014/40/UE tapplika għar-Renju Unit u fih, fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq²⁴.

Dan ifisser li r-referenzi għall-UE fil-Partijiet A u B ta' dan l-Avviż għandhom jinftiehem bħala li jinkludu l-Irlanda ta' Fuq, filwaqt li r-referenzi għar-Renju Unit għandhom jinftiehem li jirreferu biss għall-Gran Brittanja.

B' mod aktar speċifiku dan ifisser fost l-oħrajn li ġej:

- il-prodotti tat-tabakk li jitqiegħdu fis-suq tal-Irlanda ta' Fuq iridu jikkonformaw mad-Direttiva 2014/40/UE;
- il-prodotti tat-tabakk immanifatturati fl-Irlanda ta' Fuq u ttrasportati lejn l-UE ma humiex importazzjonijiet għall-finijiet tad-Direttiva 2014/40/UE (ara hawn fuq, it-Taqsima A);
- il-prodotti tat-tabakk ittrasportati mill-Irlanda ta' Fuq lejn il-Gran Brittanja huma esportazzjonijiet għall-finijiet tad-Direttiva 2014/40/UE (ara hawn fuq, it-Taqsima A);
- il-prodotti tat-tabakk ittrasportati mill-Gran Brittanja lejn l-Irlanda ta' Fuq huma importazzjonijiet għall-finijiet tad-Direttiva 2014/40/UE (ara hawn fuq, it-Taqsima A);
- biex jissodisfaw ir-rekwiżiti regolatorji tagħhom skont id-Direttiva 2014/40/UE, b' mod partikolari fir-rigward l-għoti ta' informazzjoni dwar il-prodotti tat-tabakk, in-notifika dwar is-sigaretti elettroniċi, it-twissijiet tas-saħħa kkombinati u l-kodiċijiet ta' traċċabbiltà, l-operaturi ekonomiċi jridu jikkuntattjaw lill-awtoritajiet kompetenti u lill-emittent tal-identifikazzjoni tar-Renju Unit fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq.

Madankollu, il-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq jeskludi l-possibbiltà għar-Renju Unit, fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq, li jipparteċipa fit-teħid tad-deċiżjonijiet u fit-tfassil tad-deċiżjonijiet tal-Unjoni²⁵.

Is-sit web tal-Kummissjoni, dwar ir-regoli tal-UE li għandhom x'jaqsmu mal-politika dwar il-kontroll tat-tabakk (https://ec.europa.eu/health/tobacco/policy_mt) jagħti informazzjoni ġenerali dwar il-qafas regolatorju għat-tabakk u l-prodotti relatati. Is-sit web li jirrigwarda speċifikament l-EU-CEG (https://ec.europa.eu/health/euceg/introduction_mt) jagħti informazzjoni (teknika) speċifika dwar is-sottomissjoni ta' informazzjoni marbuta mal-prodott. Is-sit web li jirrigwarda speċifikament it-traċċabbiltà tat-tabakk (https://ec.europa.eu/health/tobacco/tracking_tracing_system_en) jagħti informazzjoni (teknika) speċifika dwar il-movimenti ta' prodotti u informazzjoni dwar it-

²⁴ L-Artikolu 5(4) tal-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq u t-Taqsima 47 tal-Anness 2 ta' dan il-Protokoll.

²⁵ Fejn ikun hemm bżonn ta' skambju ta' informazzjoni jew ta' konsultazzjoni reċiproka, dan se jseħħ fil-grupp ta' ħidma konsultattiv konġunt stabbilit mill-Artikolu 15 tal-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq.

tranżazzjonijiet. Dawn il-paġni se jiġu aġġornati b'aktar informazzjoni, fejn meħtieġ.

Il-Kummissjoni Ewropea

Id-Direttorat Ġenerali għas-Saħħa u s-Sikurezza Alimentari